€ FLUSNA

€1= Lm0.4293

BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA

Jum l-€, 1 ta' Jannar 2008: Ċipru u Malta jissieħbu fiż-żona ta' l-euro

Il-muniti ta' l-euro

Il-muniti ta' l-euro għandhom naħa 'Ewropea' u naħa 'nazzjonali'.
Fuq in-naħat Ewropej hemm jew l-UE qabel it-tkabbir tagħha f'Mejju 2004 jew xbieha ġeografika ta' l-Ewropa.
In-naħat nazzjonali jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor.
Minkejja dawn id-differenzi, tista' tuża kwalunkwe munita ta' l-euro f'kull parti taż-żona ta' l-euro.

Fuq il-muniti ta' €2 u ta' €1 hemm idolu forma ta' salib li jmur lura għall-Perijodu Kalkolitiku (3000 sena qabel Kristu).
Fuq il-muniti tal-50 ċenteżmu, ta' l-20 ċenteżmu u ta' l-10 ċenteżmi hemm xbieha tal-bastiment Kyrenia (ir-4 seklu qabel Kristu).
Fuq il-muniti tal-5 ċenteżmi, taż-2 ċenteżmi u taċ-ċenteżmu hemm xbieha ta' muflun.

Fuq il-muniti ta' €2 u ta' €1 hemm is-Salib ta' Malta bi tmien ponot. Fuq il-muniti tal-50 ċenteżmu, ta' l-20 ċenteżmu u ta' l-10 ċenteżmi hemm l-Arma ta' Malta.
Fuq il-muniti tal-5 ċenteżmi, taż-2 ċenteżmi u taċ-ċenteżmu hemm xbieha ta' l-altar li jinsab fit-tempju preistoriku ta' l-Imnajdra.

www.euro.ecb.int

Il-karti tal-flus ta' l-euro

Il-karti tal-flus ta' l-euro huma identiċi fiż-żona ta' l-euro kollha.

120 × 62 mm

127 × 67 mm

133 × 72 mm

140 × 77 mm

147 × 82 mm

153 × 82 mm

160 × 82 mm

KIF TINĦASS IL-KARTA

Għandha tkun tqarqaċ u soda. Għaddi sebgħek fuqha u għandek tħoss li kultant il-linka hi eħxen.



OLOGRAMMA (strixxa tal-fidda li tkanġi)

Mejjel il-karta tal-flus. Hawn jidher il-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu ta' l-euro (€).

XBIEHA LI TIDHER KONTRA D-DAWL (*watermark*)

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara xbieha sfumata u ċ-ċifra tal-valur.

FIL TAS-SIGURTÀ

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara linja skura għaddejja minn ġewwa l-karta.

KARATTERISTIĊI TAS-SIGURTÀ

Karatteristiċi diversi tas-sigurtà jgħinuk biex tagħraf karta tal-flus ta' l-euro ġenwina. Kemm tiċċekkja li:

- ✔ **il-karta tal-flus tkun tqarqaċ u soda. Tinħass eħxen f'xi partijiet**
- ✔ **fil-karti ta' €50, €100, €200 u €500, il-motif ewlieni jerġa' jidher fix-xbieha li tidher kontra d-dawl (*watermark*) u fl-ologramma**
- ✔ **il-valur tal-karta tal-flus jidher fix-xbieha li tidher kontra d-dawl, fil-fil tas-sigurtà, fl-ologramma u fin-numru li jkanġi**

KIF TINĦASS IL-KARTA

Għandha tkun tqarqaċ u soda. Għaddi sebgħek fuqha u għandek tħoss li kultant il-linka hi eħxen.



OLOGRAMMA (roqgħa tal-fidda li tkanġi)

Mejjel il-karta tal-flus. Għandek tara l-valur tal-karta tal-flus u tieqa jew bieb.

XBIEHA LI TIDHER KONTRA D-DAWL (*watermark*)

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara xbieha sfumata u ċ-ċifra tal-valur.

FIL TAS-SIGURTÀ

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara linja skura għaddejja minn ġewwa l-karta.

NUMRU LI JKANĠI

Mejjel karta tal-flus ta' €50, €100, €200 jew €500. Fuq in-naħa ta' wara, in-numru jibdel il-kulur minn vjola għal aħdar żebbuġi jew kannella.

€ FLUSNA

€1= Lm0.4293

BANK ĊENTRALI TA' MALTA

CENTRAL BANK OF MALTA